**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 32 – IT-TNEJN, 3 TA' NOVEMBRU 2014 FIS-6.00PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier (6.35pm) |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 31**

1.1 Ma kien hemm ebda korrezzjoni fil-Minuti. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti Numru 28**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**3 Komunikazzjoni**

3.1 Il-Kunsill iddiskuta l-korrispondenza li kien hemm rigward is-sistema tal-One Way li saret fi Triq tal-Ibraġ. Il-Kunsill qabel li hemm bżonn li ssir site visit ma' TM minħabba l-problemi li nħolqu.

3.2 Kien hemm qbil li għalissa ma jsirux il-bankini li nġabru stimi għalihom.

3.3 Kien hemm diskussjoni rigward talba minn resident biex titneħħa bush minn soft area fi Vjal in-Naspli. Għandu jsir kuntatt mar-resident għal aktar informazzjoni.

Is-Sur Trevor Fenech daħal għal-laqgħa fis-6.35pm.

3.4 Ġiet diskussa t-talba minn impjegata tal-Kunsill, is-Sinjura Deborah Garroni. Hi talbet li minħabba li hija tqila, tibda taħdem bir-reduced hours wara li tidħol mill-maternity leave. Kien hemm qbil unanimu dwar dan. Reġa' ġie ikkonfermat biex is-Segretarju jkompli bil-proċeduri biex jiġi ingaġġat clerk iehor full time.

3.5 Ġiet innutata Memo 27/2014 – Skema ta' finanzjament attivitajiet kulturali. Ġie deċiż li napplikaw għal żewġ attivitijiet, waħda fi żmien il-Milied u l-oħra Musical aktar tard għal April / Mejju 2015.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm diskussjoni rigward it-tenders li dalwaqt ser jiskadu. Ġie deċiż li tinħareġ it-tender tal-knis, il-Kappara għaliha u l-kumplament ta' San Ġwann jinħareġ fi tnejn. Ġie deċiż li tinħareġ ukoll tal-bankini kif ukoll għal servizzi ta' Accountant. Ġie deċiż ukoll li ssir extension għal public convience għal sitt xhur jew sakemm jibda l-proġett ta' Ġnien Karin Grech minħabba li dalwaqt jibda dan il-proġett.

4.2 Ġie deċiż li ma jinxtrawx diaries għal din is-sena.

4.3 Il-KAC staqsa lill-Kunsill għalfejn hemm restricted parking timed parking f' Toroq Naxxar u Mensija except for residents tal-istess triq u mhux San Gwann residents. Il-Kunsill innota li dawn ilhom hekk mit-2000 u saru hekk biex ikun hemm turn over ta' karrozzi kemm jista' jkun. Ġie deċiż li dawn jibqgħu hekk.

4.4 Il-Kunsill iddiskuta l-kawża li hemm il-Qorti kontra B Grima & Sons. Din ser tkun għas-sentenza fis-6 ta' Novembru 2014. Ġie deċiż li terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss wara li toħroġ is-sentenza.

4.5 Regghat tqajmet id-diskussjoni rigward it-talba biex kuntrattur iwwessa' l-bankina ħdejn taraġ f'kantuniera fi Triq il-Mensija kantuniera ma' Triq Ġjaċinti. Wara diskussjoni, is-Segretarju għandu jitlob aktar dokumenti fuq din.

## 5 Affarjiet oħra

5.1 Is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni ċint imwaqqa' f'passaġġ fi Triq Ġużè Azzopardi. Għandu jiġi rranġat dan il-hajt.

5.2 Is-Sinjura Marica Bayliss infurmat lill-Kunsill li kellha laqgħa mal-ELC. Fost affarjiet oħra, hi tkellmet fuq l-ispejjez kbar (li l-Kunsill m'ghandux allokazzjoni ghalihom) ghal siġar li għandhom bżonn jitneħħew li jkunu fil-pubbliku u jkunu qed jagħmlu ħsara. Ġie deċiż li tintbagħat ittra lill-Reġjun u lill-LCA biex nistaqsu jekk hemmx fondi għal dan ix-xogħol.

5.3 Is-Sinjura Joan Farrugia infurmat lill-Kunsill li attendiet għal-laqgħa mal-President ta' Malta fejn il-Kunsilli ġew inkoraġġati jorganizzaw attivitajiet bħala fund raising għall-Istrina. Għandna naraw aktar 'il quddiem fuq din.

5.4 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Kunsill li l-MFA se jaghmlu riforma talklabbs tal-futboll li jigu fuq sistema privata. Pajjizi ohra addottaw li 20% jigu trasferiti lil Gvern Lokali. Hu talab ukoll biex jinzabru s-sigar fi triq il-Kampanella. Kien hemm qbil fuq dan iz-zbir.

5.5 Is-Sur Mikhail Micallef staqsa jekk mhux ser isir tiżjin tal-Milied. Dan mhux ser isir għaliex tal-ħwienet ma jkunux iridu joħorġu 25 Ewro sehemhom.

**6 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 17 ta' Novembru 2014 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier** | **Etienne Bonello Du Puis** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |